# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 906/2010

## tal-11 ta’ Ottubru 2010

## li jemenda għall-137 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma’ Usama bin Laden, in-netwerk ta’ Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta’ Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma’ Usama bin Laden, in-network ta’ Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta’ ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta’ titjiriet u jestendi l-iffriżar ta’ fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan ([1]), u partikolarment l-Artikoli 7(1)(a) u 7a(5) tiegħu ([2]),

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, gruppi u entitajiet li jaqaw taħt l-iffriżar ta’ fondi u riżorsi finanzjarji skont dak ir-Regolament.

(2) Fis-27 u d-29 ta’ Settembru 2010, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemeda d-dejta ta’ identifikazzjoni ta’ żewġ persuni naturali mil-lista ta’ persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta’ fondi u riżorsi ekonomiċi.

(3) L-Anness I għandu b’hekk jiġi emendat f’dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ma’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta’ Ottubru 2010

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Karel KOVANDA
*Aġent Direttur Ġenerali*
*għar-Relazzjonijiet Esterni*

---

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.
([2]) L-Artikolu 7a ddaħħal mir-Regolament (UE) Nru 1286/2009 (ĠU L 346, 23.12.2009, p. 42).

*ANNESS*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjoni "Yasser Mohamed Ismail **Abu Shaweesh** (*magħruf ukoll bħala* Yasser Mohamed Abou Shaweesh). Data tat-twelid: 20.11.1973. Post tat-twelid: Benghazi, il-Libja. Nru tal-passaport: (a) 939254 (dokument tal-ivvjaġġar Eġizzjan), (b) 0003213 (passaport Eġizzjan), (c) 981358 (passaport Eġizzjan), (d) C00071659 (sostitut tal-passaport maħruġ fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja). Informazzjoni oħra: Miżmum fil-ħabs il-Ġermanja sa minn Jannar 2005. Data tal-ħatra msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.12.2005." taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Yasser Mohamed Ismail **Abu Shaweesh** (*magħruf ukoll bħala* Yasser Mohamed Abou Shaweesh). Data tat-twelid: 20.11.1973. Post tat-twelid: Benghazi, il-Libja. Nru tal-passaport: (a) 939254 (dokument tal-ivvjaġġar Eġizzjan), (b) 0003213 (passaport Eġizzjan), (c) 981358 (passaport Eġizzjan), (d) C00071659 (sostitut tal-passaport maħruġ fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja). Informazzjoni oħra: Ħuh huwa Ismail Mohamed Ismail Abu Shaweesh. Data tal-ħatra msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.12.2005."

(2) L-annotazzjoni "Mohammed **Benhammedi** (*magħruf ukoll bħala* (a) Mohamed Hannadi, (b) Mohamed Ben Hammedi, (c) Muhammad Muhammad Bin Hammidi, (d) Ben Hammedi, (e) Panhammedi, (f) Abu Hajir, (g) Abu Hajir Al Libi, (h) Abu Al Qassam). Indirizz: Midlands, ir-Renju Unit. Data tat-twelid: 22.9.1966. Post tat-twelid: Il-Libja. Ċittadinanza: Libjana." taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tinbidel bi:

"Mohammed **Benhammedi** (*magħruf ukoll bħala* (a) Mohamed Hannadi, (b) Mohamed Ben Hammedi, (c) Muhammad Muhammad Bin Hammidi, (d) Ben Hammedi, (e) Panhammedi, (f) Abu Hajir, (g) Abu Hajir Al Libi, (h) Abu Al Qassam (i) Hammedi Mohamedben). Indirizz: Midlands, ir-Renju Unit. Data tat-twelid: 22.9.1966. Post tat-twelid: Il-Libja. Ċittadinanza: Libjana."